Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
CAMPOS SÁNCHEZ-BORDONA
ippreżentati fis-16 ta' Diċembru 2021[1]

**Kawża C-453/20**

**CityRail a.s.**
**vs**
**Správa železnic, státní organizace,**
**bl-intervent ta':**
**ČD Cargo a.s.**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Úřad pro přístup k dopravní infrastruktuře (il-Korp Regolatorju tal-Aċċess għall-Infrastruttura tat-Trasport, ir-Repubblika Ċeka))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 267 TFUE – Kunċett ta' qorti nazzjonali – Kriterji – Korp regolatorju tas-settur ferrovjarju – Direttiva 2012/34/UE – Artikolu 56 – Funzjonijiet tal-korp regolatorju – Natura amministrattiva – Inammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari – Trasport bil-ferrovija – Żona ferrovjarja unika Ewropea – Aċċess għall-infrastruttura u għall-faċilitajiet ta' servizz – Pjattaformi tal-merkanzija f'terminals tat-tagħbija – Bidliet tal-imposti ta' aċċess għall-infrastruttura u ta' aċċess u servizzi fil-faċilitajiet ta' servizz – Obbligu tal-ġestjonarju tal-infrastruttura u għall-korp regolatorju li japplikaw id-Direttiva 2012/34/UE"

1. Il-korp regolatorju tal-aċċess għall-infrastrutturi tat-trasport tar-Repubblika Ċeka[2] jqajjem id-dubji tiegħu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tad-Direttiva 2012/34/UE[3], b'mod partikolari, f'dak li jirrigwarda l-pjattaformi ta' merkanzija u d-drittijiet dovuti għall-użu tagħhom.

2. It-talba għal deċiżjoni preliminari hija ammissibbli biss jekk il-Qorti tal-Ġustizzja taċċetta li dan l-organu jeżerċita funzjonijiet ġudizzjarji fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE. Għar-raġunijiet li ser nispjega iktar 'il quddiem, jiena tal-fehma li ma għandhiex taċċetta dan.

1 Lingwa oriġinali: l-Ispanjol.

2 Úřad pro přístup k dopravní infrastruktuře (iktar 'il quddiem l-"UPDI").

3 Direttiva 2012/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 li tistabbilixxi żona ferrovjarja unika Ewropea (ĠU 2012, L 343, p. 32, rettifiki fil-ĠU 2015, L 67, p. 32 u fil-ĠU 2015, L 196, p. 67), fil-verżjoni tagħha emendata bid-Direttiva (UE) 2016/2370 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2016, L 352, p. 1).

# I. Il-kuntest ġuridiku

## *A. Id-dritt tal-Unjoni. Id-Direttiva 2012/34*

3. Skont l-Artikolu 3 ("Definizzjonijiet"):

"Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

[...]

2) 'maniġer tal-infrastruttura' tfisser kwalunkwe korp jew ditta responsabbli għall-operazzjoni, il-manutenzjoni u t-tiġdid ta' infrastruttura ferrovjarja fuq netwerk, kif ukoll responsabbli għall-parteċipazzjoni fl-iżvilupp tagħha kif determinat mill-Istat Membru fil-qafas tal-politika ġenerali tiegħu dwar l-iżvilupp u l-finanzjament tal-infrastruttura;

3) 'infrastruttura ferrovjarja' tfisser, l-elementi kollha elenkati fl-Anness I;

[...]

11) 'faċilità ta' servizz' tfisser l-installazzjoni, inkluż l-art, il-bini u t-tagħmir, li ġiet maħsuba apposta, kompletament jew parzjalment, biex ikunu jistgħu jingħataw servizz wieħed jew aktar minn dawk imsemmija fil-punti (2) sa (4) tal-Anness II;

[...];

26) 'dikjarazzjoni dwar in-netwerk' tfisser id-dikjarazzjoni li tistabbilixxi fid-dettall ir-regoli ġenerali, it-termini, il-proċeduri u l-kriterji għall-iskemi ta' tqegħid ta' piżijiet u tal-allokazzjoni tal-kapaċità inkluża l-informazzjoni l-oħra bħal din li hi meħtieġa biex tippermetti l-applikazzjonijiet għall-kapaċità tal-infrastruttura;

[...]"

4. L-Artikolu 13 ("Kundizzjonijiet tal-aċċess għas-servizzi") jindika:

"1. Il-maniġers tal-infrastruttura għandhom ifornu lill-impriżi ferrovjarji kollha fuq bażi nondiskriminatorja, il-pakkett ta' aċċess minimu stipulat fil-punt 1 tal-Anness II.

2. Operaturi ta' faċilitajiet ta' servizz għandhom ifornu b'mod nondiskriminatorju lill-impriżi ferrovjarji kollha bl-aċċess, inkluż l-aċċess għall-binarji, lill-faċilitajiet imsemmija fil-punt 2 tal-Anness II, u lis-servizzi fornuti f'dawn il-faċilitajiet.

[...]"

5. L-Artikolu 27 ("Dikjarazzjoni dwar in-netwerk") jipprovdi:

"1. Il-maniġer tal-infrastruttura għandu, wara li jikkonsulta mal-partijiet interessati, jiżviluppa u jippubblika dikjarazzjoni dwar in-netwerk [...].

2. Id-dikjarazzjoni dwar in-netwerk għandha tistabbilixxi n-natura tal-infrastruttura disponibbli għall-impriżi ferrovjarji, u tiġbor fiha informazzjoni li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-aċċess

għall-infrastruttura ferrovjarja rilevanti. Id-dikjarazzjoni dwar in-netwerk għandu jkun fiha wkoll informazzjoni li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-aċċess għall-faċilitajiet tas-servizzi konnessi man-netwerk tal-maniġer tal-infrastruttura u għall-forniment tas-servizzi f'dawn il-faċilitajiet […]. Il-kontenut tad-dikjarazzjoni dwar in-netwerk huwa stipulat fl-Anness IV.

3. Id-dikjarazzjoni dwar in-netwerk għandha tinżamm aġġornata u għandha tiġi emendata kif meħtieġ.

4. Id-dikjarazzjoni dwar in-netwerk għandha tiġi ppubblikata mhux inqas minn erba' xhur bil-quddiem qabel id-data ta' skadenza għal talbiet għall-kapaċità tal-infrastruttura."

6. L-Artikolu 29 ("Stabbiliment, determinazzjoni u ġbir ta' imposti") huwa fformulat kif ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu qafas tal-imposti waqt li jirrispettaw l-indipendenza tal-immaniġġjar stipulata fl-Artikolu 4.

Mingħajr preġudizzju għal dik il-kundizzjoni, l-Istati Membri għandhom ukoll jistabbilixxu regoli speċifiċi dwar l-imposti jew jiddelegaw dawn is-setgħat lill-maniġers tal-infrastruttura.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dikjarazzjoni tan-netwerk tkun tinkludi l-qafas tal-imposti u r-regoli għat-tqegħid tal-imposti jew tindika sit elettroniku fejn jiġu ppubblikati l-qafas tal-imposti u r-regoli għat-tqegħid tal-imposti.

Il-maniġer tal-infrastruttura għandu jiddetermina u jiġbor il-piżijiet għall-użu tal-infrastruttura skont il-qafas ta' tqegħid tal-imposti u r-regoli tat-tqegħid tal-imposti stabbiliti.

[…]"

7. L-Artikolu 31 ("Il-Prinċipji tat-tqegħid tal-imposti") jistipula:

"1. L-imposti għall-użu tal-infrastruttura ferrovjarja u għall-faċilitajiet tas-servizzi għandhom jitħallsu lill-maniġer tal-infrastruttura u lill-operatur tal-faċilità ta' servizz rispettivament u jintużaw biex jipprovdu fondi għan-negozju tagħhom.

[…]

3. […] l-imposti għall-pakkett ta' aċċess minimu u għal aċċess għal infrastrutturi li jgħaqqdu l-faċilitajiet ta' servizz għandhom jiġu stabbiliti abbażi tal-ispiża direttament imġarrba minħabba t-tħaddim tas-servizz ferrovjarju.

[…]

7. L-imposti imposti għal aċċess għal binarji fil-faċilità ta' servizz imsemmija fil-punt 2 tal-Anness II u l-forniment ta' servizzi f'tali faċilitajiet ma għandhomx ikunu aktar mill-ispiża biex jiġu pprovduti, flimkien ma' profitt raġonevoli.

[…]".

8. L-Artikolu 55 ("Korp regolatorju") jipprovdi:

"1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi korp regolatorju nazzjonali wieħed għas-settur ferrovjarju. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, dan il-korp għandu jkun awtorità indipendenti li, f'termini organizzattivi, funzjonali, ġerarkiċi u ta' teħid ta' deċiżjoni, hija legalment distinta u indipendenti minn kull entità pubblika jew privata oħra. Il-korp għandu jkun ukoll indipendenti fl-organizzazzjoni tiegħu, fid-deċiżjonijiet tiegħu dwar il-finanzjament, fl-istruttura legali u fit-teħid tad-deċiżjonijiet minn kull maniġer, korp tat-tqegħid tal-imposti, korp tal-allokazzjoni jew minn kull applikant. Barra minn hekk, għandu jkun indipendenti funzjonalment minn kwalunkwe awtorità kompetenti involuta fl-għotja ta' kuntratt ta' servizz pubbliku.

[…]"

9. L-Artikolu 56 ("Funzjonijiet tal-korp regolatorju") jippreċiża:

"1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 46(6), applikant għandu jkollu d-dritt li jappella lill-korp regolatorju jekk jemmen li ma ġiex ittrattat b'mod ekwu, saret diskriminazzjoni kontrih jew saritlu offiża bi kwalunkwe mod ieħor, u b'mod partikolari kontra deċiżjonijiet adottati mill-maniġer tal-infrastruttura jew fejn hu xieraq, mill-impriża ferrovjarja jew mill-operatur ta' faċilita tas-servizz dwar:

(a) id-dikjarazzjoni dwar in-netwerk fil-verżjonijiet proviżorji u finali tagħha;

b) il-kriterji stabbiliti fiha;

c) il-proċess tal-allokazzjoni u r-riżultat tiegħu;

d) l-iskema tat-tqegħid tal-imposti;

e) il-livell jew l-istruttura tal-imposti infrastrutturali li hu meħtieġ iħallas jew li jista' jkun meħtieġ iħallas;

f) l-arranġamenti għall-aċċess skont l-Artikoli 10 sa 13;

g) l-aċċess u t-tqegħid ta' imposti għas-servizzi skont l-Artikolu 13.

2. Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni li jiżguraw il-kompetizzjoni fis-swieq tas-servizzi ferrovjarji, il-korp regolatorju għandu jkollu s-setgħa li jissorvelja s-sitwazzjoni kompetittiva fis-swieq tas-servizzi ferrovjarji, inkluż b'mod partikolari s-suq għal servizzi għall-passiġġieri b'veloċità għolja, u l-attivitajiet tal-maniġers tal-infrastruttura fir-rigward tal-punti (a) sa (j) tal-paragrafu 1. B'mod partikolari, il-korp regolatorju għandu jivverifika li hemm konformità mal-punti (a) sa (j) tal-paragrafu 1 fuq l-inizjattiva tiegħu stess u bil-ħsieb li jevita d-diskriminazzjoni kontra l-applikanti. Għandu, b'mod partikolari, jiċċekkja jekk id-dikjarazzjoni dwar in-netwerk fihiex klawżoli diskriminatorji jew jekk toħloqx setgħat diskrezzjonali għall-maniġer tal-infrastruttura li jistgħu jintużaw biex issir diskriminazzjoni kontra l-applikanti.

[…]

6. Il-korp regolatorju għandu jiżgura li l-imposti stabbiliti mill-maniġer tal-infrastruttura jikkonformaw mat-Taqsima 2 tal-Kapitolu IV u li dawn huma nondiskriminatorji. In-negozjati bejn l-applikanti u l-maniġer tal-infrastruttura dwar il-livell tal-imposti infrastrutturali għandhom jiġu permessi biss jekk dawn isiru taħt is-superviżjoni tal-korp regolatorju. Il-korp regolatorju għandu jintervjeni jekk in-negozjati potenzjalment jiksrux r-rekwiżiti ta' dan il-Kapitolu.

[...]

8. Il-korp regolatorju għandu jkollu s-setgħa jitlob l-informazzjoni rilevanti mingħand il-maniġer tal-infrastruttura, l-applikanti u kull parti terza fl-Istat Membru kkonċernat.

[...]

9. Il-korp regolatorju għandu jikkunsidra kull ilment u, kif jixraq, għandu jitlob tagħrif relevanti u jagħti bidu għal konsultazzjonijiet mal-partijiet relevanti kollha, fi żmien xahar minn meta jkun irċieva l-ilment. Huwa għandu jiddeċiedi fuq kull ilment u jieħu azzjoni biex jirrimedja s-sitwazzjoni u jgħarraf lill-partijiet relevanti bid-deċiżjoni motivata tiegħu fi żmien determinat minn qabel, raġonevoli u, fi kwalunkwe każ, fi żmien 6 ġimgħat minn meta jirċievi l-informazzjoni kollha. Mingħajr preġudizzju għall-poteri tal-awtoritajiet tal-kompetizzjoni nazzjonali għall-iżgurar tal-kompetizzjoni fis-swieq tas-servizz ferrovjarju, il-korp regolatorju għandu, fejn xieraq, jiddeċiedi fuq l-inizjattiva tiegħu stess dwar miżuri xierqa biex jitranġaw il-każijiet ta' diskriminazzjoni kontra l-applikanti, id-distorsjonijiet tas-suq u kwalunkwe żvilupp ieħor mhux mixtieq f'dawn is-swieq, b'mod partikolari b'referenza għall-punti (a) sa (j) tal-paragrafu 1.

Deċiżjoni tal-korp regolatorju għandha tkun torbot lill-partijiet kollha koperti minn dik id-deċiżjoni, u ma għandhiex tkun suġġetta għall-kontroll ta' istanza amminstrattiva oħra. Il-bord regolatorju għandu jkun jista' jinforza d-deċiżjonijiet tiegħu bil-pieni xierqa, inkluż permezz tal-multi.

[...]

10. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li deċiżjonijiet meħuda mill-korp regolatorju jkunu suġġetti għal analiżi ġudizzjarja. L-appell jista' jkollu effett ta' sospensjoni fuq id-deċiżjoni tal-korp regolatorju biss meta d-dħul fis-seħħ immedjat tad-deċiżjoni tal-korp regolatorju jista' jikkawża danni irreparabbli jew evidentement eċċessivi għal min ikun qed jappella. Din id-dispożizzjoni hija mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-qorti li tkun qed tisma' l-appell kif mogħti lilha mil-liġi kostituzzjonali applikabbli.

[...]"

10. L-Anness I ("Lista ta' elementi tal-infrastruttura ferrovjarja") jipprovdi:

"L-infrastruttura ferrovjarja tikkonsisti fl-affarijiet segwenti, sakemm dawn jiffurmaw parti mil-linja permanenti, li tinkludi l-binarji ż-żgħar tal-ġenb, iżda teskludi l-linji li qegħdin fil-postijiet fejn jissewwew il-magni tal-ferrovija, fl-imħażen jew fl-imħażen lokomottivi, u branki ta' linji u binarji żgħar privati:

[...]

– […] pjattaformi għall-passiġġieri u għall-merkanzija inkluż fi stazzjonijiet tal-passiġġieri u terminals tal-merkanzija […]

[…]”

11. L-Anness II (Servizzi li għandhom jingħataw lill-impriżi ferrovjarji) jipprovdi:

“1. Il-pakkett ta’ aċċess minimu għandu jkun jikkonsisti:

[…]

c) fl-użu ta’ infrastruttura ferrovjarja, inklużi track points u ġonot;

[…]

2. Għandu jingħata aċċess, inkluż aċċess għat-tracks, għall-faċilitajiet tas-servizzi li ġejjin, meta dawn ikunu jeżistu, u għas-servizzi fornuti f’ dawn il-faċilitajiet:

[…]

b) terminali tal-merkanzija;

[…]”

12. L-Anness IV (“Kontenut tad-Dikjarazzjoni dwar in-Netwerk”) jipprovdi:

“Id-dikjarazzjoni dwar in-netwerk imsemmija fl-Artikolu 27 għandu jkollha din l-informazzjoni:

[…]

2) Taqsima dwar il-prinċipji ta’ imposti u tariffi. Din għandu jkun fiha dettalji xierqa dwar l-iskema tal-imposti kif ukoll informazzjoni suffiċjenti dwar l-imposti, u kif ukoll kull informazzjoni oħra rilevanti dwar l-aċċess li tapplika għas-servizzi elenkati fl-Anness II li jiġu pprovduti minn fornitur wieħed biss. Għandha tagħti dettalji dwar il-metodoloġija, ir-regoli u, meta applikabbli, l-iskali użati għall-applikazzjoni tal-Artikoli 31 sa 36, fir-rigward ta’ kemm il-kostijiet kif ukoll l-imposti. Għandha tiġbor fiha informazzjoni dwar tibdiliet fl-imposti diġà deċiżi jew previsti fil-ħames snin li ġejjin jekk disponibbli.

[…]

6) Taqsima dwar l-informazzjoni relatata mal-aċċess u l-ġbir ta’ imposti għall-faċilitajiet ta’ servizzi msemmija fl-Anness II. L-operaturi tal-faċilitajiet ta’ servizzi li mhumiex ikkontrollati mill-maniġer tal-infrastruttura għandhom jipprovdu informazzjoni dwar l-imposti għall-kisba tal-aċċess għall-faċilità u għall-forniment tas-servizzi, u informazzjoni dwar kundizzjonijiet għall-aċċess tekniku għall-inklużjoni fid-dikjarazzjoni dwar in-netwerk jew l-indikar ta’ sit elettroniku fejn it-tali informazzjoni tkun disponibbli mingħajr ħlas f’forma elettronika.

[…]”.

### *B. Id-dritt Ċek*

13. Skont l-Artikolu 2(15) taż-zákon č. 2/1969 Sb., o zřízení ministerstev a jiných ústředních orgánů státní správy [České republiky][4], "fir-Repubblika Ċeka, l-awtoritajiet ċentrali oħra tal-Amministrazzjoni tal-Istat huma kif ġej: […] 15. Úřad pro přístup k dopravní infrastruktuře [UPDI]".

14. Iż-zákon č. 320/2016 Sb., o Úřadu pro přístup k dopravní infrastruktuře[5] rregola lill-UPDI. Skont l-Artikolu 3(2) tagħha, fl-eżerċizzju tal-kompetenzi tiegħu, dan l-organu huwa indipendenti, jaġixxi b'mod imparzjali u huwa suġġett biss għal-liġijiet u għar-regoli l-oħra tad-dritt[6].

15. Iż-zákon 77/2002 Sb., o akciové společnosti České dráhy a státní organizaci Správa železniční dopravní cesty[7] ħolqot l-entità inkarigata mill-amministrazzjoni tal-linji ferrovjarji tat-trasport[8].

16. L-Istat jissodisfa l-obbligi tal-ġestjonarju tal-infrastrutturi ferrovjarji. Dan jamministra l-patrimonju tal-Istat u jeżerċita l-attività tiegħu fl-interess pubbliku. Il-Gvern jaħtar u jtemm il-membri tal-kunsill ta' amministrazzjoni tiegħu.

17. L-Artikolu 3(1)(k) tad-Digriet Nru 76/2017[9] jindika li l-punti ta' tagħbija u ta' rilaxx intiżi għat-trasport tal-merkanzija huma partijiet operattivi tal-istazzjon tal-ferrovija. Skont l-Artikolu 2(9) tal-Liġi dwar il-Linji tal-Ferrovija, din hija faċilità ta' servizz.

18. L-Artikolu 33(1) tal-Liġi dwar il-Linji tal-Ferrovija jipprovdi li l-ġestjonarju tal-infrastruttura, bħala responsabbli għall-allokazzjoni tal-kapaċitajiet, jistabbilixxi d-dikjarazzjoni dwar in-network u jippubblikaha (l-Artikolu 33(1)).

19. Skont l-Artikolu 34e(1) tal-Liġi dwar il-Linji tal-Ferrovija, l-UPDI, *ex officio* jew fuq talba ta' applikant għall-allokazzjoni tal-kapaċitajiet tal-linji, huwa awtorizzat jeżamina l-konformità tad-dikjarazzjoni dwar in-network mal-liġi nnifisha.

## II. Il-fatti, il-proċedura u d-domandi preliminari

20. Il-ġestjonarju tal-infrastruttura approva d-dokument intitolat "Deskrizzjoni tal-faċilitajiet ta' servizz" (iktar 'il quddiem id-"Deskrizzjoni")[10].

4 Il-Liġi 2/1969 dwar l-Organizzazzjoni tal-Ministeri u Awtoritajiet Ċentrali oħra tal-Amministrazzjoni tal-Istat tar-[Repubblika Ċeka].

5 Il-Liġi 320/2016 dwar il-Korp Regolatorju għall-Aċċess għall-Infrastruttura tat-Trasport.

6 Fuq il-leġiżlazzjoni Ċeka preċedenti dwar is-settur ferrovjarju, ara s-sentenza tal-11 ta' Lulju 2013, Il-Kummissjoni vs Ir-Repubblika Ċeka (C-545/10, EU:C:2013:509).

7 Il-Liġi 77/2002, dwar il-Kumpannija Pubblika b'Responsabbiltà Limitata České dráhy u l-organu tal-Istat Správa železnic.

8 Din l-entità tassumi l-funzjonijiet ta' ġestjonarju tal-infrastrutturi u ta' operatur tal-faċilità ta' servizz, fis-sens tal-punti 2 u 12 tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2012/34. Hija wkoll responsabbli għall-allokazzjoni tal-kapaċità tal-infrastruttura ferrovjarja, konformement maż-zákon č. 266/1994 Sb, o drahách (il-Liġi 266/1994, dwar il-Linji tal-Ferroviji, Linji Katernarji u Trasport bil-Kejbil jew bil-Katina, iktar 'il quddiem, il-"Liġi dwar il-Linji tal-Ferrovija").

9 Vyhláška Ministerstva dopravy č. 76/2017 Sb., o obsahu a rozsahu služeb poskytovaných dopravci provozovatelem dráhy a provozovatelem zařízení služeb [id-Digriet tal-Ministerstvo dopravy (il-Ministeru għat-Trasport) Nru 76/2017, dwar is-suġġett u l-portata tas-servizzi pprovduti lill-operatur mill-ġestjonarju tal-infrastruttura ferrovjarja, permezz tal-Linji tal-Ferroviji, Linji Katernarji u Trasport bil-Kejbil jew bil-Katina u mill-operatur ta' faċilitajiet ta' servizz].

10 L-informazzjoni neċessarja għall-aċċess għall-faċilitajiet ta' servizz u għas-servizzi ferrovjarji konnessi tinsab fid-Deskrizzjoni (referenza 16396/2019-SŽDC- GŘ-011). Għall-UPDI (punt 28 tad-deċiżjoni tar-rinviju), il-Deskrizzjoni tista' tkun materjalment ikkunsidrata bħala li tagħmel parti mid-dikjarazzjoni dwar in-network, li ma huwiex aċċettat mill-ġestjonarju tal-infrastruttura u ČD Cargo a.s.

21. Il-kumpannija CityRail a.s.[11] talbet lill-UPDI, billi użat l-Artikolu 55 tad-Direttiva 2012/34, sabiex jirrevedi d-Deskrizzjoni, li fiha l-punti ta' tagħbija u ta' rilaxx ta' merkanzija kienu jidhru bħala faċilitajiet ta' servizz.

22. Il-ġestjonarju tal-infrastruttura jippreċiża li dawn il-punti jikkorrispondu għal superfiċji ta' użu għoljin (fuq it-toroq) u mhux għoljin (fil-livell tat-toroq), ħdejn it-toroq, mibnija għat-tagħbija tal-merkanzija, kif ukoll it-toroq li jmissu ma' dawn il-punti ta' tagħbija u ta' rilaxx.

23. Madankollu, l-UPDI jiddubita li l-punti maħsuba għat-tagħbija u għar-rilaxx jistgħu jiġu kklassifikati bħala faċilitajiet ta' servizz. Fil-fehma tiegħu, huma jaqgħu pjuttost taħt il-kunċett ta' infrastruttura ferrovjarja, anki jekk jinsabu ġewwa t-terminals tat-tagħbija u dwar jekk jinsabux maġenb linji prinċipali jew linji ta' servizz.

24. L-UPDI jagħmel din id-domanda (li huwa jikklassifika bħala prinċipali) lill-Qorti tal-Ġustizzja filwaqt li jistaqsiha:

— jekk il-ġestjonarju tal-infrastrutturi (li, f'dan il-każ, huwa wkoll operatur tal-faċilitajiet ta' servizz) jistax jibdel f'kull mument l-ammont tal-imposti għall-użu tal-infrastruttura ferrovjarja u tal-faċilitajiet ta' servizz;

— jekk il-ġestjonarju tal-infrastruttura, bħala entità suġġetta għall-awtorità tal-Istat u taħt il-kontroll tagħha, huwiex marbut li japplika r-regoli tad-Direttiva 2012/34 li għandhom effett dirett, jew jekk dan għandux jaġixxi biss skont il-liġi nazzjonali; u

— jekk id-dispożizzjonijiet tad-dikjarazzjoni dwar in-network jistgħux jitqiesu li huma diskriminatorji meta dawn jipprekludu d-dritt tal-Unjoni li l-ġestjonarju tal-infrastruttura huwa obbligat josserva.

25. B'mod partikolari, id-domandi preliminari li l-UPDI jagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja huma dawn li ġejjin:

"1) *Il-post tat-tagħbija u tal-ħatt għat-trasport ta' merkanzija*, inklużi l-binarji relatati, jikkostitwixxi parti mill-infrastruttura ferrovjarja fis-sens tal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2012/34/UE?

2) Huwa konformi mad-Direttiva 2012/34 li l-ġestjonarju tal-infrastruttura jista' f'kull mument jemenda, għad-detriment tat-trasportaturi, l-ammont tat-tariffi għall-użu tal-infrastruttura ferrovjarja jew ta' faċilitajiet ta' servizz?

3) Id-Direttiva 2012/34 hija vinkolanti, skont l-Artikolu 288 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, għal Správa železnic, státní organizace?

4) Ir-regoli stabbiliti fid-dikjarazzjoni dwar in-network jistgħu jitqiesu li huma diskriminatorji jekk ma jkunux konformi mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li Správa železnic hija marbuta tosserva?"

11 L-UDPA jikklassifika lil din l-impriża ferrovjarja bħala "kandidat", fis-sens tal-Artikolu 3(19) tad-Direttiva 2012/34, sa fejn hija għandha "interess kummerċjali jew ta' servizz pubbliku fl-akkwist tal-kapaċità tal-infrastruttura".

## III. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

26. It-talba għal deċiżjoni preliminari ġiet irreġistrata fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fit-23 ta’ Settembru 2020.

27. Skont l-Artikolu 101(1) tar-Regoli tal-Proċedura, il-Qorti tal-Ġustizzja talbet lill-UPEI kjarifiki dwar in-natura ġudizzjarja tiegħu.

28. Fl-10 ta’ Novembru 2020, l-UPDI bagħat il-kjarifiki tiegħu, li ġew żvelati lill-intervenjenti fil-kwistjoni sabiex jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom.

29. L-UPDI rreaġixxa għall-argumenti tal-Gvern Ċek u tal-Kummissjoni f’ittra ġdida tal-10 ta’ Ġunju 2021.

30. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub mill-ġestjonarju tal-infrastruttura, CityRail, ČD Cargo a.s. [12], mill-Gvern Ċek, mill-Gvern Spanjol u mill-Gvern Olandiż kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea.

31. Iż-żamma ta’ seduta ma ġietx ikkunsidrata bħala indispensabbli.

## IV. Ammissibbiltà tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari. Kunċett ta’ qorti u korpi regolatorji tas-settur ferrovjarju

32. Diversi intervenjenti f’dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari qajmu oġġezzjonijiet dwar in-natura ta’ “qorti” tal-UPDI. Il-Kummissjoni, il-Gvern Spanjol kif ukoll il-Gvern Ċek stess jikkontestaw li huwa għandu tali natura.

33. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet [13] li s-Schienen-Control Kommission (Tribunal għall-Istħarriġ ta’ Kwistjonijiet Ferrovjarji, l-Awstrija) tista’ “titqies bħala qorti fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE”. Din l-affermazzjoni tagħti lok lill-UPDI li jinvoka, kemm fid-deċiżjoni tar-rinviju tiegħu kif ukoll fil-kjarifiki sussegwenti tiegħu, l-istess klassifikazzjoni [14].

34. Fil-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Westbahn Management II [15], ippubblikati xi snin wara s-sentenza Westbahn Management I, esponejt ir-“riżervi dwar din il-klassifikazzjoni li, għal raġunijiet analogi, tista’ tiġi applikata prattikament għall-organi regolatorji settorjali kollha”.

[12] Skont id-deċiżjoni tar-rinviju, ČD Cargo a.s. hija wkoll “kandidat”, fis-sens tal-punt 19 tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2012/34, u pparteċipat b’mod attiv fil-proċedura quddiem il-korp regolatorju.

[13] Sentenza tat-22 ta’ Novembru 2012, Westbahn Management (C-136/11, EU:C:2012:740; iktar ’il quddiem is-“sentenza Westbahn Management I”).

[14] Fil-punt 19 tan-nota tagħha tal-10 ta’ Ġunju 2021, hija tissuġġerixxi li, jekk il-korp regolatorju Awstrijak jista’ jifformula domandi preliminari, l-omologi tal-Istati Membri l-oħra għandu jkollhom din l-istess possibbiltà. Fir-realtà, hija l-Kummissjoni ta’ kontroll ferrovjarju (Schienen-Control Kommission) li għamlet id-domandi preliminari fil-Kawża Westbahn Management I, li ddeċidiet dwar ir-rikorsi diretti kontra d-deċiżjonijiet tal-korp regolatorju (Schienen-Control GmbH).

[15] Kawża C-210/18, EU:C:2019:277; iktar ’il quddiem “Westbahn Management II”, nota ta’ qiegħ il-paġna 3.

35. Is-sentenza Westbahn Management I analizzat il-partikolaritajiet tas-Schienen-Control Kommission (il-Kummissjoni ta’ Kontroll Ferrovjarju) wara eżami tal-oriġini legali tagħha, tal-permanenza tagħha, tan-natura obbligatorja tal-ġurisdizzjoni tagħha, tan-natura kontradittorja tal-proċedura, tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-liġi, kif ukoll tal-indipendenza tagħha [16].

36. Għalkemm din hija l-metodoloġija normalment segwita, wieħed jista’ jistaqsi jekk huwiex rilevanti għal entitajiet li, mid-definizzjoni tagħhom stess, għandhom ikunu indipendenti. L-indipendenza hija stabbilita minn qabel mill-korpi regolatorji ferrovjarji bħala rekwiżit tal-Artikolu 55 tad-Direttiva 2012/34, li huwa ttrasferit għal-leġiżlazzjonijiet nazzjonali ta’ traspożizzjoni.

37. Fl-Artikolu 56 tad-Direttiva 2012/34, il-leġiżlatur tal-Unjoni ħoloq mudell ta’ korpi regolatorji nazzjonali fis-settur ferrovjarju li, għalkemm għandhom ikunu indipendenti minn awtoritajiet oħra, jaqgħu taħt il-qasam karatteristiku tal-Amministrazzjoni tal-Istat. Huwa tahom setgħat ta’ sanzjoni u investihom b’setgħat essenzjalment amministrattivi [17], estranji għall-attività ta’ qorti.

38. Jiena naħseb li, billi jiġu applikati l-kategoriji tal-Artikolu 267 TFUE għal dawn il-korpi regolatorji, għandha tiġi aġġustata l-linja ġurisprudenzjali *klassika* adottata mill-Qorti tal-Ġustizzja.

39. Din il-modulazzjoni hija iktar u iktar xierqa meta wieħed iqis li l-Qorti tal-Ġustizzja stess ikkwalifikat il-ġurisprudenza tagħha dwar l-Artikolu 267 TFUE [18]. B’mod partikolari, is-sentenza Anesco *et* [19], li hija ta’ interess għall-korpi regolatorji, ġiet deċiża reċentement.

40. F’din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet in-natura ġudizzjarja (u ddikjarat inammissibbli t-talba għal deċiżjoni preliminari tagħha) ta’ korp regolatorju ferrovjarju ieħor, jiġifieri, l-Comisión Nacional de los Mercados y la Competencia (il-Kummissjoni Nazzjonali tas-Swieq u tal-Kompetizzjoni, iktar ’il quddiem iċ-“CNMC”) ta’ Spanja [20]. Ser nindirizza immedjatament il-konsegwenzi tagħha għal dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari.

41. Huwa minnu li l-Qorti tal-Ġustizzja aċċettat, fis-sentenza Westbahn Management I, li Kummissjoni ta’ Kontroll maħluqa fi ħdan il-korp regolatorju Awstrijak tista’ tagħmel użu mill-Artikolu 267 TFUE. Fil-fehma tiegħi, b’dan il-mod, kompliet b’*inerzja* li, għalkemm setgħet tkun raġonevoli f’dak iż-żmien (2012), jidhirli li llum skadiet.

16 Il-Qorti tal-Ġustizzja bbażat ruħha fuq l-Artikoli 81 sa 84 tal-Eisenbahngesetz (il-Liġi dwar il-Linji tal-Ferrovija, BGBl. 60/1957) Awstrijaka. Ara l-punt 28 tas-sentenza Westbahn Management I.

17 Funzjonijiet ta’ kooperazzjoni interamministrattiva u konsultattiva fi ħdan il-proċeduri ta’ tfassil ta’ atti amministrattivi; il-poteri ta’ awtoorganizzazzjoni interna; kontroll tat-tqegħid tal-imposti; is-segwitu tan-negozjati bejn il-partijiet ikkonċernati; l-attività statistika; analiżi u osservazzjoni tas-suq u, anki awditu.

18 Li l-kriterju tal-Qorti tal-Ġustizzja qiegħed jevolvi huwa muri fis-sentenza tal-Awla Manja tal-21 ta’ Jannar 2020, Banco de Santander (C-274/14, EU:C:2020:17), punt 55, li marret lil hinn mil-linja mfassla mis-sentenza tal-21 ta’ Marzu 2000, Gabalfrisa *et* (C-110/98 sa C-147/98, EU:C:2000:145). Hija ġġustifikat il-bidla tagħha “fid-dawl, b’mod partikolari, tal-ġurisprudenza iktar reċenti tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar, b’mod partikolari, il-kriterju ta’ indipendenza”.

19 Sentenza tas-16 ta’ Settembru 2020 (C-462/19, EU:C:2020:715; iktar ’il quddiem is-“sentenza Anesco *et*”). Il-Gvern Spanjol irrefera għaliha fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu, punt 14. Ċertament, f’din il-kawża, l-azzjoni taċ-CNMC bħala awtorità tad-difiża tal-kompetizzjoni ġiet b’mod partikolari analizzata. Madankollu, fl-attività tagħha bħala korp regolatorju ferrovjarju, iċ-CNMC tieħu l-istess karatteristiċi (azzjoni *ex officio*, natura amministrattiva, nuqqas ta’ *res judicata* tad-deċiżjonijiet tagħha, stħarriġ ġudizzjarju ta’ dawn) kif ukoll fil-bqija tal-funzjonijiet tagħha.

20 Iċ-CNMC teżerċita fi Spanja s-superviżjoni u l-kontroll tas-settur ferrovjarju skont l-ewwel dispożizzjoni finali tal-Liġi 38/2015, tad-29 ta’ Settembru 2015, dwar is-settur ferrovjarju, li temenda l-Artikoli 11 u 12 tal-Liġi 3/2013, tal-4 ta’ Ġunju 2013, li tistabbilixxi ċ-CNMC. Skont it-tieni dispożizzjoni finali tagħha, id-Direttiva 2012/34 hija trasposta fid-dritt Spanjol permezz tal-Liġi 38/2015.

42. Fil-fatt, fid-dawl tar-realtà leġiżlattiva tal-korpi regolatorji, li ssegwi d-drawwiet komuni tad-Direttiva 2012/34, wieħed għandu jikkunsidra b'mod prijoritarju l-kontenut tal-funzjonijiet li jippermettu li l-azzjoni tagħhom tiġi kklassifikata bħala amministrattiva jew ġuridika.

43. Il-mod kif nissuġġerixxi jersaq lejn dawk li jeċċepixxu l-inammissibbiltà ta' dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari. Huma jenfasizzaw li l-UPDI, filwaqt li jikklassifika lilu nnifsu bħala ġuridika, jintegra ruħu organikament fl-Amministrazzjoni tal-Istat, jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu fi proċeduri amministrattivi u josserva r-regoli ġenerali li jirregolaw lil dawn tal-aħħar [21].

44. L-approċċ li nirrakkomanda ma huwiex, barra minn hekk, estranju għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. F'sentenzi oħra, sabiex tiżvela n-natura tal-qorti tar-rinviju, hija kkunsidrat jekk din il-qorti tiddeċiedix kawża "fil-kuntest ta' proċedura intiża li twassal għal deċiżjoni ta' natura ġudizzjarja" [22].

45. Id-deċiżjonijiet li jagħżlu din il-linja jenfasizzaw bħala sinjali indikattivi l-punt dwar meta korp ma jistax jiġi kklassifikat bħala qorti, fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE, kif ġej:

— Li huwa awtorizzat jaġixxi *ex officio* "dan huwa hjiel li […] ma għandux il-kwalità ta' 'qorti jew tribunal', iżda għandu l-karatteristiċi ta' korp amministrattiv" [23].

— Meta r-rwol tiegħu ma jkunx li jistħarreġ il-legalità ta' deċiżjoni, iżda li jiddeċiedi, għall-ewwel darba, fuq l-ilment ta' individwu, dan il-korp "ma [j]intalabx sabiex [j]iddeċiedi kwistjoni, fis-sens tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja" [24]

— Li l-korp "[j]aġixxi […] bħala amministrazzjoni speċjalizzata li teżerċita s-setgħa ta' sanzjoni fl-oqsma li jaqgħu taħt il-kompetenza tagħha, jikkostitwixxi indizju tan-natura amministrattiva (tiegħu) u mhux ġudizzjarja" [25].

— "[K]orp nazzjonali ma jistax jiġi kklassifikat bħala 'qorti jew tribunal', fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE, f'ċirkustanzi fejn huwa jagħti deċiżjonijiet billi jeżerċita funzjonijiet mhux ġudizzjarji, bħalma huma funzjonijiet ta' natura amministrattiva" [26].

— L-organizzazzjoni tas-sistema ta' kontestazzjoni tad-deċiżjonijiet ta' korp regolatorju hija rilevanti. Dan huwa l-każ meta dawn id-deċiżjonijiet "jistgħu jiġu kkontestati quddiem il-President ta' dan il-korp, u d-deċiżjonijiet ta' dan tal-aħħar jistgħu, huma stess, jiġu appellati quddiem il-qorti amministrattiva, u li fil-kuntest ta' din il-[korp] għandu l-kwalità ta' konvenut. Din l-organizzazzjoni tal-azzjonijiet legali […] tenfasizza n-natura amministrattiva tad-deċiżjonijiet mogħtija minn dan il-korp" [27].

21 Punti 8, 15 u 16 tan-nota tal-korp regolatorju tal-10 ta' Novembru 2020.

22 Sentenza tal-31 ta' Jannar 2013, Belov (C-394/11, EU:C:2013:48, punt 39).

23 Digriet tal-14 ta' Novembru 2013, MF 7 (C-49/13, EU:C:2013:767); iktar 'il quddiem id-"digriet MF 7", punt 18; u s-sentenza Anesco *et*, punt 44.

24 Digriet tal-24 ta' Marzu 2011, Bengtsson (C-344/09, EU:C:2011:174, punt 23), li jiċċita s-sentenza tat-12 ta' Novembru 1998, Victoria Film (C-134/97, EU:C:1998:535, punti 16 u 18).

25 Sentenza Anesco *et*, punt 44.

26 Digriet MF 7, punt 16.

27 *Ibidem*, punt 19.

46. Fis-sentenza Anesco *et*, kif esponejt iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet bħala inammissibbli, fost motivi oħra, it-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa miċ-CNMC, kif ġej:

— "[...] li ċ-CNMC taġixxi *ex officio*, bħala amministrazzjoni speċjalizzata li teżerċita s-setgħa ta' sanzjoni fl-oqsma li jaqgħu taħt il-kompetenza tagħha, jikkostitwixxi indizju tan-natura amministrattiva u mhux ġudizzjarja tad-deċiżjoni li hija mitluba tagħti fil-proċedura li wasslet għal din it-talba għal deċiżjoni preliminari" [28].

— "[...] id-deċiżjoni taċ-CNMC li ttemm il-proċedura hija deċiżjoni ta' natura amministrattiva li, filwaqt li hija definittiva u immedjatament eżekuttiva, ma tistax ikollha attribuzzjonijiet ta' deċiżjoni ġudizzjarja, b'mod partikolari awtorità ta' *res judicata* (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Frar 2017, Margarit Panicello, C-503/15, EU:C:2017:126, punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata)" [29].

— "In-natura amministrattiva tal-proċedura [...] fil-kawża prinċipali hija kkonfermata wkoll mill-Artikolu [...] li jipprovdi li l-adozzjoni ta' deċiżjoni mill-Kunsill taċ-CNMC ittemm il-proċedura kklassifikata speċifikament bħala "amministrattiva". Barra minn hekk, skont [...] l-Artikolu [...] rikors kontenzjuż amministrattiv jista' jiġi ppreżentat kontra tali deċiżjoni, li matulha ċ-CNMC [...] taġixxi bħala konvenuta fil-kuntest tal-proċedura ġudizzjarja fl-ewwel istanza (...) jew bħala appellanti jew bħala appellata fl-ipoteżi ta' appell [...]" [30].

47. Abbażi ta' dawn il-premessi, "sabiex jiġi stabbilit jekk entità nazzjonali, li l-liġi tkun fdata b'funzjonijiet ta' natura differenti, għandhiex tiġi kkwalifikata bħala 'qorti' fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE, huwa neċessarju li jiġi vverifikat liema hija n-natura speċifika tal-funzjonijiet li hija tkun qiegħda teżerċita fil-kuntest legali partikolari fejn issir it-talba għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja" [31].

48. Issa, fid-dawl tal-ġurisprudenza esposta iktar 'il fuq, inqis li l-UPDI jeżerċita funzjonijiet amministrattivi u mhux dawk ġuridiċi li jippermettulu jagħmel użu mill-Artikolu 267 TFUE, peress li:

— Huwa awtorizzata jaġixxi kemm fuq talba tal-partijiet kif ukoll *ex officio* (xi kultant *ex officio* biss). Konkretament, fil-kuntest tal-proċedura li wasslet għar-rinviju għal deċiżjoni preliminari, huwa seta' jintervjeni mingħajr distinzjoni fuq talba tal-partijiet u *ex officio* [32].

— Huwa jgawdi minn kapaċità wiesgħa sabiex jikkonstata t-twettiq ta' ksur u jimponi multi fl-eżerċizzju tas-setgħa ta' sanzjoni [33].

28 Sentenza Anesco *et*, punt 44

29 *Ibidem*, punt 48.

30 *Ibidem*, punt 49.

31 Sentenza tal-31 ta' Jannar 2013, Belov (C-394/11, EU:C:2013:48, punt 41). Waqt din il-verifika, id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja ser tiddependi, fil-parti l-kbira, mill-*kwalità* tal-informazzjoni pprovduta mill-qorti tar-rinviju u mill-intervenjenti fil-proċedura preliminari. Meta, bħal f'dan il-każ, din l-informazzjoni tiġi kkontestata (il-ġestjonarju tal-infrastruttura jsostni li l-UPDI bbażat ruħha fuq frammenti ta' regolament u injorati oħrajn), dan jirriżulta f'ċerta inċertezza legali.

32 Nota tal-UPDI tal-10 ta' Novembru 2020, punt 17.

33 *Ibidem* (punt 18), li fiha hija tafferma l-awtorizzazzjoni tagħha sabiex tibda proċeduri f'dak li jirrigwarda kull ksur li hija tiskopri u sabiex taġixxi *ex officio*.

— Id-deċiżjonijiet tiegħu jistgħu jiġu appellati quddiem qrati ġenwini, kemm tal-qorti ordinarja[34], kif ukoll tal-kontenzjuż amministrattiv. Fil-proċeduri quddiem din tal-aħħar, l-UPDI għandu jaġixxi fl-ewwel istanza bħala konvenut[35].

49. Jidhirli li l-inammissibbiltà tad-deċiżjoni tar-rinviju hija kkorroborata mill-eżami tal-leġiżlazzjoni armonizzata (id-Direttiva 2012/34) li, bħala kuntest ta' riferiment, toffri d-dritt tal-Unjoni f'dak li jirrigwarda l-korpi regolatorji tas-settur ferrovjarju.

50. Għalkemm l-Artikolu 56(1) tad-Direttiva 2012/34 jagħti lil dawn l-organi s-setgħa li jiddeċiedu dwar ilmenti kontra d-deċiżjonijiet mogħtija fl-oqsma li huwa jelenka[36], il-paragrafu 2 tal-istess artikolu jawtorizzahom jeżerċitaw kontroll fuq inizjattiva tagħhom stess.

51. L-Artikolu 56(8) tad-Direttiva 2012/34 jagħtihom setgħat ta' investigazzjoni, billi jawtorizzahom jiġbru informazzjoni sabiex jiżviluppaw "[l]-funzjoni tiegħu ta' appell u tal-funzjoni tiegħu tal-monitoraġġ tal-kompetizzjoni fis-swieq tas-servizzi ferrovjarji skont il-paragrafu 2".

52. L-Artikolu 56(9) tad-Direttiva 2012/34 jħallilhom is-setgħa li jiddeċiedu "fuq l-inizjattiva tiegħu stess dwar miżuri xierqa biex jitranġaw il-każijiet ta' diskriminazzjoni kontra l-applikanti, id-distorsjonijiet tas-suq u kwalunkwe żvilupp ieħor mhux mixtieq f'dawn is-swieq, b'mod partikolari b'referenza għall-punti (a) sa (g) tal-paragrafu 1".

53. Għaldaqstant, anki jekk huma msejħa jiddeċiedu dwar ilment, huma jagħmlu dan f'ambjent fejn l-impetu tal-partijiet ma huwiex indispensabbli, peress li l-korpi regolatorji għandhom huma stess mezzi biex jaġixxu *ex officio*. Ma jkunx loġiku li jiġi aċċettat li, billi jaġixxu fuq inizjattiva tagħhom stess f'sens partikolari, huma jeżerċitaw funzjonijiet ġudizzjarji jekk jintlaħaq l-istess riżultat permezz ta' talba jew ilment.

54. Fl-aħħar nett, skont l-Artikolu 56(10) tad-Direttiva 2012/34, id-deċiżjonijiet tal-korpi regolatorji huma suġġetti għal stħarriġ ġudizzjarju, minn issa 'l quddiem, minn korpi veri ta' natura ġudizzjarja. Mill-perspettiva tal-unità ta' interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, "l-eżistenza tal-imsemmija rimedji ġudizzjarji jippermettu li tiġi żgurata l-effettività tal-mekkaniżmu tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari previst fl-Artikolu 267 TFUE"[37].

55. Fil-qosor, bħal fil-kawża Anesco *et*, id-deċiżjonijiet tal-korpi regolatorji tas-settur ferrovjarju "jagħmlu parti minn deċiżjonijiet ta' natura amministrattiva, li jeskludi li dawn jiġu adottati fl-eżerċizzju ta' funzjonijiet ġudizzjarji[38].

[34] L-UPDI jilmenta li l-qrati ċivili Ċeki jistgħu, mingħajr ma jibbażaw fuqu fil-kawżi inkwistjoni, "jinterferixxu b'mod inammissibbli fil-kompetenza esklużiva tiegħu fuq il-kwistjonijiet tas-settur ferrovjarju" (punt 46 tan-nota tal-10 ta' Novembru 2020). Din il-kwistjoni speċifika tirrigwarda t-talbiet għal deċiżjoni preliminari mressqa minn qorti ċivili Ċeka fil-Kawżi C-221/21 u C-222/21, li għadhom pendenti.

[35] Nota tal-UPDI tal-10 ta' Novembru 2020, punti 37 sa 39.

[36] Mhux dejjem il-korp regolatorju li jiddeċiedi dwar ilment kontra deċiżjoni tal-ġestjonarju jeżerċita missjoni ta' *eżami mill-ġdid tal-legalità ta' att amministrattiv*: il-ġestjonarju tal-infrastruttura jista' jkun kemm korp kif ukoll impriża (Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2012/34). F'dan l-aħħar każ, l-ewwel pożizzjoni formalment *amministrattiva* hija dik tal-korp regolatorju.

[37] Sentenza tal-31 ta' Jannar 2013, Belov (C-394/11, EU:C:2013:48, punt 52).

[38] Sentenza Anesco *et*, punt 41.

56. Barra minn hekk, l-ammissjoni ta' domandi preliminari magħmula minn korpi amministrattivi li d-deċiżjonijiet tagħhom huma suġġetti għall-istħarriġ ġudizzjarju tista' twassal għal funzjonament ħażin li enfasizza l-Avukat Ġenerali Ruiz-Jarabo Colomer b'raġunamenti li, wara għoxrin sena, iżommu l-attwalità tagħhom [39].

57. Fil-qosor, l-Avukat Ġenerali Ruiz-Jarabo Colomer afferma li, sabiex tiġi aċċettata din il-possibbiltà, ir-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja tista' tkun inutli għad-deċiżjoni finali tal-kawża [40] u li l-intervent *a posteriori* tal-qrati awtentiċi jista' jiġi medjat mill-approċċ preġudizzjarju tal-amministrazzjoni [41]. Fil-fehma tiegħu, "bl-ammissjoni ta' domanda preliminari magħmula minn korpi amministrattivi, id-djalogu bejn l-imħallfin stabbilit mit-Trattat jiġi mxekkel serjament, l-għan tiegħu jiġi mfixkel u l-protezzjoni ġudizzjarja taċ-ċittadin tiġi żnaturata" [42].

58. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, jiena tal-opinjoni li t-talba għal deċiżjoni preliminari hija inammissibbli. Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja ma tqisx hekk, ser nanalizza madankollu l-mistoqsijiet tal-korp regolatorju.

## V. Fuq il-mertu

### *A. L-ewwel domanda preliminari*

59. Id-dubju tal-UPDI jikkonċerna l-"post tat-tagħbija u tal-ħatt għat-trasport ta' merkanzija, inklużi l-binarji relatati". Hija tagħmel parti mill-infrastruttura ferrovjarja, fis-sens tal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2012/34, jew mill-faċilitajiet tas-servizz [43]?

60. Il-pjattaformi tal-passiġġieri jagħmlu parti mill-infrastruttura ferrovjarja, skont it-tieni inċiż tal-Anness I, moqri flimkien mal-punt 3 tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2012/34. Is-sentenza Westbahn Management II tikkonferma dan [44].

[39] Konklużjonijiet tal-kawża De Coster (C-17/00, EU:C:2001:366). L-Avukat Ġenerali enfasizza kif "il-mod kif saret id-domanda preliminari jista' jiddetermina r-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja [...]. Jekk il-kwistjoni titqajjem minn korp amministrattiv, l-azzjoni ġudizzjarja mressqa sussegwentement kontra d-deċiżjoni tagħha tista' tiġi kkundizzjonata mill-approċċ adottat, mill-mod kif din tkun saret jew mill-mument meta din tkun tqajmet, b'tali mod li l-qorti vera tkun fil-parti l-kbira mċaħħda mill-possibbiltà li tuża r-rinviju għal deċiżjoni preliminari, peress li, anki jekk teoretikament tista' tqajjem domanda ġdida, hija timponi fuq il-partijiet dewmien addizzjonali fit-tmexxija tal-proċedura prinċipali, li jkun insostenibbli għal amministrazzjoni tal-ġustizzja diġà pjuttost bil-mod" (punt 79).

[40] *Ibidem*, punt 78: "Il-qorti li teżamina mill-ġdid id-deċiżjoni amministrattiva, wara r-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja, tista' tqis ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari bħala inutli jew tqis li hija kellha tiġi kkunsidrata minn perspettiva oħra. Jekk hija konvinta li l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tar-regoli tas-sistema legali Komunitarja ma humiex involuti fid-dibattitu, id-domanda preliminari u l-isforzi ta' kull natura investiti għas-soluzzjoni tagħha kienu inutli, bl-oneru tat-telf ta' leġittimità li, għall-Qorti tal-Ġustizzja, jimplika li s-sentenzi tagħha ma jittiħdux inkunsiderazzjoni bħala mhux neċessarji".

[41] *Ibidem*, punt 79: "Jekk [il-qorti] tqis li għandha tiġi fformulata b'mod differenti, hija tinsab bil-livell forzat tad-domanda preliminari magħmula u tar-risposta riċevuta, mingħajr ma tkun, għal raġunijiet ta' ekonomija tal-ġudizzju, inklinata tadixxi mill-ġdid il-proċedura għal deċiżjoni preliminari sabiex tiġi drittata t-triq li, fil-fehma tagħha, twieldet storta minħabba approċċ ħażin".

[42] *Ibidem*, punt 79.

[43] Id-Direttiva 2012/34 tiggarantixxi l-aċċess kemm għall-infrastruttura ferrovjarja kif ukoll għall-faċilitajiet ta' servizz. Madankollu, l-intensità tad-dritt ta' aċċess ma hijiex l-istess. Għalhekk, fir-rigward tal-infrastruttura ferrovjarja, ir-regoli huma iktar riġidi u l-aċċess għall-impriżi ferrovjarji ma jistax jiġi rrifjutat. Il-premessa 65 tad-Direttiva 2012/34 tesprimi l-opportunità li tippreċiża "il-komponenti tas-servizz tal-infrastruttura li huma essenzjali biex jippermettu li operatur jipprovdi servizz u li għandhom jingħataw għal piżijiet minimi għall-aċċess".

[44] Sentenza Westbahn Management II, id-dispożittiv: "L-Anness II tad-Direttiva 2012/34 [...], għandu jiġi interpretat fis-sens li jfisser li l-'pjattaformi għall-passiġġieri', imsemmija fl-Anness I ta' din id-direttiva, huma parti mill-infrastruttura ferrovjarja li l-użu tagħhom jaqa' fil-pakkett ta' aċċess minimu, konformement mal-punt 1(c) tal-imsemmi Anness II".

61. Issa għandu jiġi ddeterminat jekk din l-istess affermazzjoni tistax tiġi trasposta, mingħajr xejn iktar, għall-pjattaformi ta' merkanzija. Anki jekk, bħala prinċipju, dawn il-pjattaformi jifformaw ukoll parti mill-infrastruttura ferrovjarja, skont dawn l-istess dispożizzjonijiet, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni li t-terminals tal-merkanzija huma, bħall-istazzjonijiet tal-passiġġieri, faċilità ta' servizz (punt 2(a) u (b) tal-Anness II tad-Direttiva 2012/34).

62. Bħal fil-kawża Westbahn Management II, il-problemi jqumu meta hemm tentattiv li tiġi stabbilita differenza bejn il-pjattaformi, minn naħa, u l-faċilità ta' servizz li jinsabu fiha, min-naħa l-oħra (dawn kienu għalhekk stazzjonijiet tal-passiġġieri, minn issa 'l quddiem terminals tal-merkanzija). Fir-rigward ta' kunċetti differenti li l-profili tagħhom diffiċilment jistgħu jinjoraw ir-realtà ta' kull pjattaforma jew terminal, skont il-karatteristiċi singolari tagħhom, l-eżami tal-każistika ssir inevitabbli u ma hijiex il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tivverifika d-dettalji tekniċi ta' kull każ inkwistjoni [45].

63. L-UPDI jfittex kjarifika dwar jekk il-post li jmiss mal-linji fejn isiru t-tagħbija u r-rilaxx tal-merkanzija jidħolx fil-kategorija tal-infrastruttura ferrovjarja. F'dan ir-rigward, għandha tiġi żvelata t-tifsira tal-kelma "pjattaforma għall-merkanzija" fl-Anness I tad-Direttiva 2012/34. Billi tiġi aċċettata t-tifsira attwali tagħhom ta' pjattaforma elevata fuq it-triq, għandu jiġi eżaminat jekk l-ispazji intiżi għall-operazzjonijiet ta' tagħbija u ta' rilaxx tal-ferrovija mill-parti l-baxxa tagħha, fl-għoli tat-toroq, humiex esklużi [46].

64. Is-soluzzjoni ma tistax tinjora l-għanijiet tad-Direttiva 2012/34 meta tirrigwarda l-"pakkett ta' aċċess minimu", li jinkludi l-użu tal-infrastruttura ferrovjarja. Barra minn hekk, għandhom jiġu bbilanċjati n-natura tal-merkanzija u l-kundizzjonijiet tat-trasport tagħha, tat-tagħbija u tar-rilaxx tagħha.

65. Il-ġustifikazzjoni elementari, fiżika, ta' pjattaformi għall-passiġġieri hija li tiffaċilita lil dawn tal-aħħar id-dħul u l-ħruġ tal-ferrovija, li għal dan huma jkollhom bżonn li jħarsu l-għoli eżistenti bejn l-art u l-bieb tagħha. Peress li l-merkanzija manifestament ma għandhiex din l-awtonomija u meta persuna għandha tintroduċiha (fuq il-ferrovija) jew tneħħiha (mill-ferrovija), sakemm hija trid li dawn l-operazzjonijiet jiżvolġu mill-art għall-għoli tal-linji, mill-pjattaformi, lejn trakk jew kull mezz ieħor ta' trasport.

66. Għaldaqstant, jidhirli li iktar importanti huwa li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-karatteristiċi tal-operazzjonijiet ta' tagħbija u ta' rilaxx. Jekk huwa maħsub li l-merkanzija tiġi ddepożitata ħdejn il-ferrovija għat-tagħbija tagħha jew wara r-rilaxx tagħha, dan huwa użu li jidħol fil-kontenut essenzjali: l-ispazju maġenb il-linja għandu għalhekk jiġi assimilat mal-pjattaforma u jiġi inkluż fl-infrastruttura ferrovjarja.

67. F'dan il-każ, il-pjattaformi ta' merkanzija, bħall-pjattaformi tal-passiġġieri, jinkludu "komponenti tas-servizz tal-infrastruttura li huma essenzjali biex jippermettu li operatur jipprovdi servizz u li għandhom jingħataw għal piżijiet minimi għall-aċċess" [47].

[45] Ser nispjega dan fil-konklużjonijiet tal-kawża Latvijas dzelzceļš (Faċilitajiet tas-servizz ferrovjarju) (C-60/20, EU:C:2021:147), punt 36, billi nindika li "[i]l-klassifikazzjoni ta' faċilità ta' servizz – bħala kunċett differenti minn dak ta' infrastruttura ferrovjarja – tiddependi fuq serje ta' fatturi tekniċi li l-qorti tar-rinviju biss tista' tipprova".

[46] L-osservazzjonijiet tal-Gvern Olandiż huma bbażati fuq dan il-fattur sabiex isostnu li dawn għandhom jinftiehmu bħala parti mill-faċilità ta' servizz.

[47] Premessa 65 tad-Direttiva 2012/34.

68. Dan l-approċċ huwa trasponibbli, fl-astratt, għar-realtà kumplessa tat-terminals tal-merkanzija[48], li l-Anness I tad-Direttiva 2012/34 jikklassifika bħala infrastruttura ferrovjarja, meta mqabbla mal-linji prinċipali tagħha u ma’ dawk ta’ servizz. Madankollu, ninsisti, il-karatteristiċi tekniċi tal-operazzjonijiet ta’ tagħbija u ta’ rilaxx jistgħu jwasslu, f’każijiet partikolari, għal soluzzjoni differenti.

69. Minkejja li ma narax ostaklu sabiex il-pjattaformi ta’ merkanzija, kemm tal-linji prinċipali kif ukoll dawk ta’ servizz, jitqiesu li jagħmlu parti integrali mill-infrastruttura ferrovjarja, ir-rifless tal-kalkolu tal-imposta għandu jkun limitat għall-użu effettiv tagħhom fit-tagħbija jew fir-rilaxx tal-merkanzija. Dak li huwa differenti minn dan l-użu strett, bħall-operazzjonijiet ta’ ġestjoni tal-merkanzija stess[49], huwa diġà inkluż fl-azzjonijiet kollha speċifiċi għall-faċilità ta’ servizz.

70. Għalhekk, bħala prinċipju, il-“pjattaformi ta’ merkanzija” imsemmija fl-Anness I tad-Direttiva 2012/34 (iddefiniti bħala l-ispazju jmiss mal-ġenb tal-ferrovija użat esklużivament għat-tagħbija jew għar-rilaxx fuq il-linji prinċipali jew tas-servizz) huma element tal-infrastruttura ferrovjarja li l-użu tiegħu jaqa’ fil-pakkett ta’ aċċess minimu, konformement mal-punt 1(c) tal-Anness II ta’ din id-direttiva.

### *B. It-tieni domanda preliminari*

71. L-UPDI jixtieq ikun taf jekk id-Direttiva 2012/34 tawtorizzax lill-ġestjonarju tal-infrastruttura jemenda unilateralment, għad-detriment tal-operaturi, l-imposti għall-użu tal-infrastruttura ferrovjarja jew tal-faċilitajiet ta’ servizz[50].

72. Id-Direttiva 2012/34 tipprevedi l-ħlas tal-imposti għall-użu kemm tal-infrastrutturi ferrovjarji, kif ukoll tal-faċilitajiet ta’ servizz. Dawn l-imposti jitħallsu lill-ġestjonarju tal-infrastrutturi u lill-operatur tal-faċilità ta’ servizz, rispettivament, u jintużaw għall-finanzjament tal-attività tagħhom (l-Artikolu 31(1)), konformement ma’ dawn il-kriterji:

— Fir-rigward tal-pakkett ta’ aċċess minimu, l-imposti “għandhom jiġu stabbiliti abbażi tal-ispiża direttament imġarrba minħabba t-tħaddim tas-servizz ferrovjarju” (l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 31(3) tad-Direttiva 2012/34).

— Fir-rigward tal-faċilitajiet ta’ servizz, l-imposta ma għandhiex taqbeż l-ispiża tal-provvista tas-servizz *flimkien ma’ profitt raġonevoli* (l-Artikolu 31(7) tal-istess direttiva).

48 L-Artikolu 3(s) tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013 [tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Diċembru 2013 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE (ĠU 2013, L 348, p. 1)], li jiddeskrivihom bħala “terminal tal-merkanzija”, jiddefinixxihom bħala “struttura mgħammra għat-trasbord bejn tal-anqas żewġ mezzi ta’ trasport jew bejn żewġ sistemi ferrovjarji differenti, u għall-ħżin temporanju tal-merkanzija bħal portijiet, portijiet interni, ajruporti u terminals stradali-ferrovjarji”.

49 Id-definizzjoni ta’ terminal tal-merkanzija turi kemm l-aċċess dirett għall-ġenb tal-ferrovija għandu jkun ristrett sabiex jieħu ħsieb din tal-aħħar. L-organizzazzjoni ta’ terminal tal-merkanzija (irrispettivament minn kemm ikun żgħir) teżiġi, ġeneralment, li l-ġestjoni tal-merkanzija ssir mill-operatur tagħha. Għalhekk, ma huwiex biżżejjed li l-ferrovija tilħaq żona tal-infrastruttura ferrovjarja, iżda l-merkanzija jkollha tiġi pproċessata. Għaldaqstant, anki jekk jinżamm id-dritt li jintuża l-pakkett ta’ aċċess minimu (li jinkludi pjattaformi għall-merkanzija), dan id-dritt ma jkunx effikaċi jekk ma jkunx possibbli li tiġi rrilaxxata jew titgħabba. Din il-possibbiltà tiddependi fuq il-kapaċitajiet tal-operatur tal-faċilità ta’ servizz sabiex iwettaq dawn l-operazzjonijiet, minkejja li l-pjattaforma titqies li tagħmel parti mill-infrastruttura ferrovjarja.

50 Fid-dawl tal-punt 26 tad-deċiżjoni tar-rinviju, id-dubji joriġinaw minħabba li l-ġestjonarju tal-infrastruttura rriżerva d-dritt li jirrevedi t-tariffi f’dawn it-termini: “it-tibdil fit-tariffa ser jiġi kkomunikat skont il-forma ta’ modifika għal din id-deskrizzjoni mill-inqas xahar bil-quddiem”.

73. Skont l-Artikolu 29(1) tad-Direttiva 2012/34, id-dikjarazzjoni dwar in-network, adottata mill-ġestjonarju tal-infrastruttura, għandha tinkludi l-qafas u r-regoli dwar l-imposti.

74. Il-leġiżlazzjoni tad-dikjarazzjoni dwar in-network (Artikolu 27(2) tad-Direttiva 2012/34) timponi l-pubblikazzjoni ta' informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet ta' aċċess għall-infrastruttura ferrovjarja u għall-faċilitajiet ta' servizz.

75. L-Anness IV tad-Direttiva 2012/34 jirrigwarda l-imposti fil-punt 2 tiegħu, ta' natura iktar ġenerali, u fil-punt 6 tiegħu, huwa ddedikat speċifikament għall-imposti għall-użu tal-faċilitajiet ta' servizz.

76. Skont l-Artikolu 31 tad-Direttiva 2012/34, rispettivament, il-paragrafi 3 u 7, jeżistu diversi restrizzjonijiet għall-iffissar tal-ammont tal-imposti f'kull każ.

*1. Imposti għall-użu tal-infrastruttura*

77. Fir-rigward tal-użu tal-infrastruttura ferrovjarja, diġà fakkart li t-tariffa għal aċċess minimu u għal aċċess għall-infrastruttura li jorbtu l-faċilitajiet ta' servizz "għandhom jiġu stabbiliti abbażi tal-ispiża direttament imġarrba minħabba t-tħaddim tas-servizz ferrovjarju".

78. L-elementi elenkati fl-Anness I għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni, għall-kalkolu ta' dawn l-imposti, abbażi tal-Artikoli 29 *et seq.* tad-Direttiva 2012/34 u, b'effett mid-dħul fis-seħħ tiegħu, abbażi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/909 [51].

79. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni 2015/909 jinkludi metodoloġija li permezz tagħha kull tibdil fl-imposti għandu jkun iġġustifikat mit-tibdil tal-fatturi bażiċi li jippermettu li jiġu ddeterminati l-ispejjeż diretti [52]. Suġġett għal din il-kundizzjoni u skont dan ir-regolament, il-ġestjonarju tal-infrastruttura għandu s-setgħa jaġġornahom jew jirrevedihom.

80. Bħala prinċipju, id-Direttiva 2012/34 ma tindikax il-limiti *ratione temporis* għall-aġġornament ta' dawn l-imposti. L-Artikolu 27(3) tagħha jawtorizza l-aġġornament u l-emenda, *kif meħtieġ*, tad-dikjarazzjoni dwar in-network. Fil-punt 2 tal-Anness IV tad-Direttiva 2012/34, huwa indikat li d-dikjarazzjoni dwar in-network għandu jkun fiha "informazzjoni dwar tibdiliet fl-imposti diġà deċiżi jew previsti".

81. Għalhekk, il-modifika tal-imposti ser tkun suġġetta għall-espressjoni minn qabel tad-dikjarazzjoni dwar in-network. Għalhekk huwa permess lill-impriżi ferrovjarji li jibbenefikaw minn "sistemi ta' tariffi prevedibbli u […] jkollhom aspettattivi raġonevoli għall-iżvilupp tat-tariffi tal-infrastruttura" [53].

[51] Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni, tat-12 ta' Ġunju 2015, dwar il-modalitajiet għall-kalkolu tal-ispiża direttament imġarrba minħabba t-tħaddim tas-servizz ferrovjarju (ĠU 2015, L 148, p. 17).

[52] Premessa 17 tar-Regolament 2015/909: "Għal raġunijiet differenti, bħal żieda fil-produttività, it-tixrid ta' teknoloġiji ġodda jew fehim aħjar ta' dak li jikkawża l-ispejjeż, il-kalkolu tal-ispejjeż diretti għandhom jiġu aġġornati jew riveduti regolarment skont, *inter alia*, l-aħjar prattika internazzjonali" (mingħajr korsiv fl-oriġinal).

[53] Premessa 18 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2015/909.

82. Madankollu, ma jistax jiġi eskluż li ċirkustanzi imprevedibbli jirrakkomandaw il-modifika antiċipata tal-imposti billi jaġġornaw il-valuri tagħhom sabiex jagħmluhom konformi ma' dawn[54] jew mal-varjazzjonijiet fl-ispejjeż direttament imputabbli.

83. Fis-sistema tad-Direttiva 2012/34, l-assoċjazzjoni bejn l-iffissar ta' perijodi u t-talbiet tal-impriżi ferrovjarji intiżi għall-aċċess għall-infrastruttura ma hijiex għalhekk sempliċement aneddottali[55].

## *2. Imposti ta' aċċess għall-faċilitajiet ta' servizz*

84. Fir-rigward tal-imposta dovuta għall-aċċess għall-faċilitajiet ta' servizz u għall-provvista ta' servizzi f'dawn il-faċilitajiet, l-Artikolu 31(7) tad-Direttiva 2012/34 jimponi, kif fakkart, li l-ammont tiegħu ma jeċċedix l-ispiża tal-provvista flimkien ma' profitt raġonevoli.

85. Din il-previżjoni hija kkompletata bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2177[56], li l-Artikolu 4 tiegħu, iddedikat għad-deskrizzjoni tal-faċilità ta' servizz, jispeċifika, fost il-kontenut tiegħu, l-"informazzjoni dwar l-imposti għall-kisba ta' aċċess għall-faċilitajiet ta' servizz" (paragrafu 2, ittra m).

86. L-Artikolu 5(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2017/2177 jawtorizza lill-operaturi ta' faċilitajiet ta' servizz jaġġornaw, *skont il-bżonn*, id-deskrizzjoni tal-faċilità ta' servizz (inklużi t-tariffi)[57].

87. L-aġġornament jew ir-reviżjoni ta' dawn l-imposti (tariffi) huwa għalhekk ammissibbli[58], sa fejn dawn josservaw ir-restrizzjonijiet li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, li jimplika l-osservanza tal-limiti relatati mal-ispiża tal-provvista tas-servizz u man-natura raġonevoli tal-benefiċċju[59], li jiġu osservati l-prinċipji ta' trasparenza u ta' nondiskriminazzjoni[60] u li jiġi ssodisfatt il-kriterju tan-"neċessità" sabiex tiġi ġġustifikata ż-żieda tagħhom.

54 Hekk seħħ reċentement bil-kriżi sanitarja ġġenerata mill-COVID-19, quddiem is-sitwazzjoni ta' deterjorament tat-talba ferrovjarja. Il-Kummissjoni rrakkomandat li l-ġestjonarji tal-infrastruttura jirreaġixxu billi jieħdu, fost l-oħrajn, miżuri ta' inkoraġġiment temporanju bħall-"eżenzjoni, it-tnaqqis jew il-posponiment tal-ħlas tat-tariffi ta' aċċess għall-linji għall-użu tal-infrastruttura ferrovjarja". Ara l-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri għal suq ferrovjarju sostenibbli fid-dawl tal-pandemija tal-COVID-19 (COM (2020) 260 final)

55 Fid-Direttiva 2012/34, id-definizzjoni tal-kapaċitajiet tal-infrastruttura hija bbażata fuq programmazzjoni matul perijodu partikolari (Artikolu 3(24)) u dik tad-dikjarazzjoni tan-network tirrigwarda t-termini, il-proċeduri u l-kriterji għas-sistemi ta' imposti (Artikolu 3(26)). Barra minn hekk, l-Artikolu 27(4) juri rabta bejn id-dikjarazzjoni dwar in-network u t-talbiet għall-kapaċità tal-infrastruttura li sussegwentement tiġi trasposta għar-regolazzjoni tal-iskeda għall-proċess tal-allokazzjoni, tat-talbiet tal-applikanti u tal-iskeda tax-xogħol (Artikoli 43, 44 u Anness VII).

56 Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni, tat-22 ta' Novembru 2017, dwar l-aċċess għall-faċilitajiet ta' servizz u għas-servizzi relatati mal-ferroviji (ĠU 2017, L 307, p. 1). Huwa juża l-kelma "tariffi" minflok "imposti".

57 Il-ġestjonarji tal-infrastruttura għandhom "fi żmien debitu jinformaw lill-applikanti li diġà jkunu talbu aċċess jew li jkunu abbonaw għal servizz wieħed jew iktar fil-faċilità ta' servizz dwar kwalunkwe tibdil rilevanti fid-deskrizzjoni tal-faċilità".

58 Inħalli fil-ġenb it-termini tar-relazzjoni kuntrattwali bejn l-impriża ferrovjarja u l-operatur tal-faċilità ta' servizz.

59 Il-kriterju sabiex jiġu ffissati dawn l-imposti (tariffi) huwa inqas riġidu mill-każ ta' dawk li jolqtu l-aċċess għall-infrastrutturi, suġġetti għal kalkolu strett tal-ispejjeż diretti.

60 Dawn il-prinċipji huma stabbiliti, fir-rigward tal-aċċess għall-faċilitajiet ta' servizz, fl-Artikoli 10(1) u (13)(2), tad-Direttiva 2012/34. Skont il-premessa 4 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2017/2177, "it-trasparenza dwar il-kundizzjonijiet għall-aċċess għall-faċilitajiet ta' servizz u għal servizzi relatati mal-ferroviji *u għal informazzjoni dwar l-imposti* hi prerekwiżit biex l-applikanti kollha jkunu jistgħu jaċċessaw faċilitajiet ta' servizz u servizzi forniti f'dawk il-faċilitajiet fuq bażi nondiskriminatorja. […]" (mingħajr korsiv fl-oriġinali).

*3. Konklużjoni preliminari*

88. Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-ġestjonarju tal-infrastruttura jista', taħt ċerti kundizzjonijiet sostantivi, proċedurali u ta' żmien, jibdel l-ammont tal-imposti għall-użu tal-infrastruttura ferrovjarja jew tal-faċilitajiet ta' servizz (jekk huwa jassumi l-funzjonijiet ta' operatur tagħhom) [61].

## *C. It-tielet domanda preliminari*

89. L-UPDI tistaqsi jekk il-ġestjonarju tal-infrastruttura huwiex marbut bid-Direttiva 2012/34. It-tweġiba għandha tiċċara minn qabel in-natura ta' dan il-ġestjonarju.

90. Fid-deċiżjoni tar-rinviju, il-ġestjonarju tal-infrastruttura Ċek huwa kklassifikat bħala organu tal-Istat. Dan, għall-kuntrarju, jenfasizza l-kwalità tiegħu ta' persuna ġuridika "indipendenti u sovrana" (*sic*) u li ma jikkostitwixxix "element jew unità organizzattiva tal-Istat Ċek" u ma jaġixxix f'isem dan l-Istat [62].

91. Ma hijiex il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tinterpreta r-regoli nazzjonali sabiex tiddeċiedi din it-tilwima, iżda għandha tikkonforma ruħha, bħala prinċipju, mad-deċiżjoni tar-rinviju [63]. Għall-UPDI, nirrepeti, il-ġestjonarju tal-infrastruttura Ċeka huwa awtorità statali, sottomessa għall-organu tal-Istat u taġixxi taħt il-kontroll tiegħu [64].

92. L-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2012/34 iħalli marġni ta' diskrezzjoni lill-Istati Membri sabiex ifasslu n-natura tal-ġestjonarji tal-infrastruttura, li jistgħu jkunu kemm organu kif ukoll impriża.

93. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, b'mod ġenerali, li ċerti "organi jew entitajiet [...] għandhom jiġu assimilati mal-Istat, jew għaliex ikunu persuni ġuridiċi rregolati mid-dritt pubbliku li jagħmlu parti mill-Istat f'sens wiesa', jew għaliex ikunu suġġetti għall-awtorità jew għall-kontroll ta' awtorità pubblika, jew għaliex ikunu ngħataw ir-responsabbiltà, minn tali awtorità, li jeżerċitaw missjoni ta' interess pubbliku u jkunu ngħataw, għal dan il-għan, [...] setgħat eżorbitanti" [65].

94. F'din il-perspettiva, u bla ħsara għall-verifiki tal-qorti tar-rinviju, kollox jindika li l-ġestjonarju tal-infrastruttura Ċeka huwa emanazzjoni tal-Istat, li joħolqu permezz tal-liġi, jafdalu funzjonijiet ta' interess ġenerali li jinkludu setgħat eżorbitanti u jaħtar u jirrevoka l-kunsill ta' amministrazzjoni tiegħu.

95. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, l-awtoritajiet statali, anki jekk ma humiex "qrati" fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE, ma humiex eżentati "mill-obbligu li jiżguraw l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni waqt l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet tagħhom u li ma japplikawx, fejn xieraq,

[61] Fi kwalunkwe każ, kemm fir-rigward tat-tariffi li jirrigwardaw l-infrastruttura ferrovjarja jew il-faċilitajiet ta' servizz, il-korp regolatorju huwa kompetenti sabiex jeżerċita l-funzjonijiet ta' kontroll tiegħu, skont l-Artikolu 56 tad-Direttiva 2012/34.

[62] Osservazzjonijiet tal-ġestjonarju tal-infrastruttura, punt I(a).

[63] Kif fakkret il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tat-2 ta' April 2020, Coty Germany (C-567/18, EU:C:2020:267), punt 21, "meta tagħti risposti għal domandi preliminari, hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tieħu inkunsiderazzjoni, fil-kuntest tat-tqassim tal-kompetenzi bejn il-qrati tal-Unjoni u l-qrati nazzjonali, il-kuntest fattwali u leġiżlattiv li fih jaqgħu dawn id-domandi, kif iddefinit mid-deċiżjoni tar-rinviju".

[64] Punti 45 u 46 tad-deċiżjoni tar-rinviju.

[65] Sentenza tal-10 ta' Ottubru 2017, Farrell (C-413/15, EU:C:2017:745, punt 34).

id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jidhru kuntrarji għad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li għandhom effett dirett, peress li tali obbligi huma, fil-fatt, ir-responsabbiltà tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti kollha u mhux biss tal-awtoritajiet ġudizzjarji" [66].

96. Il-ġestjonarju tal-infrastruttura ma jistax għalhekk jevita l-mandati tad-Direttiva 2012/34 li għandhom effett dirett.

### *D. Ir-raba' domanda preliminari*

97. L-UPDI jixtieq jiċċara jekk "ir-regoli stabbiliti fid-dikjarazzjoni tan-network, meta dawn ikunu inkompatibbli mad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li l-ġestjonarju tal-infrastruttura huwa obbligat josserva" humiex diskriminatorji [67].

98. Ir-risposta għal din id-domanda għandha tibda minn dik mogħtija lit-tielet waħda. Il-ġestjonarju tal-infrastruttura huwa marbut mid-Direttiva 2012/34, b'tali mod li l-atti tiegħu (ukoll id-dikjarazzjoni dwar in-network) għandhom jikkonformaw magħha.

99. Il-fatt li parti mid-dikjarazzjoni dwar in-network ma tosservax id-Direttiva 2012/34 ma jfissirx madankollu li hija, minħabba dan il-fatt biss, diskriminatorja. Dan japplika meta tintroduċi miżuri li, minnhom infushom, jagħtu lill-impriżi trattament mhux iġġustifikat meta mqabbla ma' oħrajn.

## VI. Konklużjoni

100. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nissuġġerixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara inammissibbli t-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Úřad pro přístup k dopravní infrastruktuře (il-Korp Regolatorju tal-Aċċess għall-Infrastrutturi tat-Trasport, ir-Repubblika Ċeka).

Sussidjarjament, nipproponi li r-risposta għal din id-domanda għandha tkun kif ġej:

"1) Il-'pjattaformi ta' merkanzija' imsemmija fl-Anness I tad-Direttiva 2012/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-21 ta' Novembru 2012, li tistabbilixxi żona ferrovjarja unika Ewropea, inkwantu l-ispazji maġenb il-ġenb tal-ferrovija użati esklużivament għat-tagħbija jew għar-rilaxx tagħha fil-linji prinċipali jew tas-servizz, jikkostitwixxu element tal-infrastruttura ferrovjarja.

2) Il-ġestjonarju tal-infrastruttura jista' jibdel l-imposti għall-użu tal-infrastruttura ferrovjarja, bil-kundizzjoni li dan jiġi ġġustifikat konformement mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/909 tat-12 ta' Ġunju 2015, dwar il-modalitajiet għall-kalkolu tal-ispiża direttament imġarrba minħabba t-tħaddim tas-servizz ferrovjarju, u konformement mad-deċiżjonijiet jew mal-previżjonijiet tal-kambju inklużi fid-dikjarazzjoni dwar in-network, ħlief fil-każ ta' reazzjoni quddiem sitwazzjonijiet straordinarji.

[66] Sentenza tal-21 ta' Jannar 2020, Banco de Santander (C-274/14, EU:C:2020:17, punt 78).

[67] Fil-motivazzjoni tad-domanda (iżda mhux f'din id-domanda), l-UPDI jiddikjara li, skont id-dritt nazzjonali, huwa għandu kompetenza biss sabiex jivverifika jekk id-dikjarazzjoni dwar in-network hijiex konformi mal-Liġi dwar il-Linji tal-Ferrovija u mhux mad-dritt tal-Unjoni. Jekk dan ikun il-każ, hija għandha tħalli mhux applikata din ir-regola nazzjonali, li tidħol f'kunflitt mal-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni. Ma naħsibx li l-Artikolu 34(e)(1) tal-Liġi dwar il-Linji tal-Ferrovija iwassal mingħajr dubju għal din l-interpretazzjoni, iżda, nirrepeti, l-interpretazzjoni tad-dritt intern taqa' taħt il-ġurisdizzjoni tal-qrati nazzjonali u mhux tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Jekk meħtieġ, l-operatur tal-faċilità ta' servizz jista', bla ħsara għall-osservanza tal-obbligi kuntrattwali li jidħol għalihom fil-konfront tal-impriżi ferrovjarji, jemenda t-tariffi ta' aċċess għal din il-faċilità u għall-provvista ta' servizzi, bil-kundizzjoni li l-ispiża tal-provvista tas-servizz flimkien ma' profitt raġonevoli ma tinqabiżx u li jiġu osservati l-prinċipji ta' trasparenza u ta' nondiskriminazzjoni.

3) Ġestjonarju tal-infrastruttura kklassifikat bħala organu tal-Istat, tkun xi tkun il-forma ġuridika tiegħu, huwa marbut bid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2012/34 li għandhom effett dirett.

4) Id-dikjarazzjoni dwar in-network li ma tkunx konformi mad-Direttiva 2012/34 tista' titqies li hija diskriminatorja meta tintroduċi miżuri li, fihom infushom, jagħtu lill-impriżi ferrovjarji trattament mhux iġġustifikat meta mqabbla ma' oħrajn".